SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Lulju 2011 *

Fil-Kawża C-397/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Ottubru 2009, fil-proċedura

Scheuten Solar Technology GmbH

vs

Finanzamt Gelsenkirchen-Süd,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby, R. Silva de Lapuerta (Relatur), E. Juhász u T. von Danwitz, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Scheuten Solar Technology GmbH, minn K. von Brocke, Rechtsanwalt, u A. Küntscher, Steuerberaterin,

— għall-Finanzamt Gelsenkirchen-Süd, minn R. Rasche, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u J.-C. Halleux, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen u C. Vang, bħala aġenti,

— għall-Gvern Estonjan, minn M. Linntam, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u J. Langer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u S. Johannesson, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Seeboruth, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u W. Mölls, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 380).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Scheuten Solar Technology GmbH (iktar 'il quddiem "SST") u l-Finanzamt Gelsenkirchen-Süd (iktar 'il quddiem il-"Finanzamt") fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont li kellu jservi bħala bażi għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-kummerċ.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/49 jipprovdi:

"1. Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat, sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju [l-benefiċjarju effettiv] ta' l-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru.

2. Pagament imħallas minn kumpanija ta' Stat Membru jew minn stabbiliment permanenti li huwa sitwat fi Stat Membru ieħor jitqies li qam f'dak l-Istat Membru, hawnhekk iżjed 'il quddiem isemmi bħala 'l-istat minn fejn jiġi'.

[...]

4. Kumpanija ta' Stat Membru għandha tkun trattata bħala sid benefiċjarju ta' imgħax u royalties biss jekk tirċievi dawk il-pagamenti għall-benefiċċju tagħha stess u mhux bħala intermedjarju, bħal aġent, trustee jew firmatarju awotriżżat, għal xi ħadd ieħor.

[...]

7. Dan l-Artikolu għandu japplika biss jekk il-kumpanija li hija dik li tħallas, jew il-kumpanija li l-istabbiliment permanenti tagħha huwa trattat bħala dak li jħallas, l-imgħax jew royalties hiija kumpanija assoċjata tal-kumpanija li hija s-sid benefiċjarju, jew li l-istabbiliment permanenti tagħha huwa trattat bħala s-sid benefiċjarju, ta' dak l-imgħax jew dawk ir-royalties.

[...]

10. Stat Membru għandu jkollu l-għażla li ma japplikax din id-Direttiva għal kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew għal stabbiliment permanenti ta' kumpanija ta' Stat Membru ieħor f'ċirkostanzi fejn il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(b) ma nżammux għal perjodu mhux interrot ta' għall-inqas sentejn.

[...]"

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

a) it-terminu 'imgħax' ifisser dħul minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull tip, sew jekk ipotekati sew jekk le u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u partikolarment, dħul minn assigurazzjonijiet u dħul minn bonds jew debentures, inklużi premiums u premjijiet konnessi ma' dawk l-assigurazzjonijiet, bonds jew debentures; ħlasijiet penali għal pagament li jsir tard m'għandhomx ikunu kkonsidrati bħala imgħax;

[...]"

5 L-Artikolu 3(b) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

b) kumpanija hija 'kumpanija assoċjata' ta' kumpanija oħra jekk, għall-inqas:

i) L-ewwel kumpanija għandha holding dirett minimu ta' 25 % fil-kapital tat-tieni kumpanija, jew

ii) It-tieni kumpanija għandha holding dirett minimu ta' 25 % fil-kapital ta' l-ewwel kumpanija, jew

iii) kumpanija terza għandha holding dirett minimu ta' 25 % kemm fil-kapital ta' l-ewwel kumpanija kif ukoll fil-kapital tat-tieni kumpanija.

Il-holdings għandhom jinvolvu biss kumpanniji residenti fit-territorju ta' Komunità.

[...]"

6 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/49 jipprovdi kif ġej:

"1. L-istat minn fejn jiġi l-pagament m'għandux ikun obbligat li jassigura il-benefiċċji ta' din id-Direttiva fil-każijiet li ġejjin:

a) pagamenti li huma trattati bħala distribuzzjoni ta' profitti jew bħala rifużjoni ta' kapital skond il-liġi ta' l-istat minn fejn jiġi l-pagament;

[...]

2. Fejn, minħabba relazzjoni speċjali bejn dak li jħallas u s-sid benefiċjarju ta' l-imgħax jew tar-royalties, jew bejn wieħed minnhom u xi persuna oħra, l-ammont ta' imgħax jew royalties huwa iktar mill-ammont li kieku kienu jiftiehemu fuqu dak li jħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' din ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għall-aħħar ammont, jekk hemm".

Id-dritt nazzjonali

7 B'mod konformi mal-Artikolu 2 tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kummerċ tal-2002 (Gewerbesteuergesetz 2002, BGBl. 2002 I, p. 4167), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem it-"taxxa fuq il-kummerċ"), l-istabbilimenti tan-negozju huma suġġetti, minbarra għat-taxxa fuq id-dħul jew fuq il-kumpanniji, għat-taxxa fuq il-kummerċ sakemm joperaw fit-territorju nazzjonali.

8 L-imsemmi Artikolu 2(1) u (2) jipprovdi kif ġej:

"1. L-istabbilimenti tan-negozju kollha li joperaw fil-Ġermanja għandhom ikunu suġġetti għat-taxxa fuq il-kummerċ. L-istabbilimenti tan-negozju għandhom jitqiesu li huma impriżi kummerċjali skont it-tifsira tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul. Stabbiliment tan-negozju huwa meqjus li jopera fil-Ġermanja kull meta l-post tan-negozju ikun jinsab fit-territorju Ġermaniż jew fuq vapur merkantili rreġistrat fil-Ġermanja.

2. Kull kumpannija b'kapital azzjonarju (b'mod partikolari kumpanniji Ewropej, bħal kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, kumpanniji in akkomandita b'responsabbiltà limitata, soċjetajiet b'responsabbiltà limitata) għandhom fi kwalunkwe każ jitqiesu totalment bħala stabbiliment tan-negozju […]"

9 Skont l-Artikolu 6 ta' din il-liġi, il-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ hija kkostitwita mid-dħul kummerċjali u l-profitti min-negozju tal-kumpanniji taxxabbli.

10 Id-dħul kummerċjali u l-profitti min-negozju huma ddefiniti kif ġej fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 7 tal-imsemmija liġi:

"Id-dħul kummerċjali u l-profitti min-negozju huma l-profitt li jirriżulta mill-attivitajiet ta' impriża tan-negozju jew impriża kummerċjali, determinat skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jew il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji […] miżjud u mnaqqas bl-ammonti msemmija fl-Artikoli 8 u 9".

11 L-Artikolu 8 tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kummerċ, intitolat "żidiet lura" ["add-backs"], jipprovdi:

"L-ammonti li ġejjin, sakemm ikunu tnaqqsu fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-profitti, għandhom jiġu miżjuda lura mal-profitti li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' impriża tan-negozju jew impriża kummerċjali:

1. Nofs id-dħul relatat mad-dejn li għandu konnessjoni ekonomika jew mal-ħolqien jew mal-kisba tal-attività tan-negozju jew parti mill-attività, jew ma' espansjoni jew titjib tal-attività tan-negozju jew li jservi biex jiżdied il-kapital li jitħaddem fuq bażi mhux temporanja [...]".

12 L-Artikolu 10a tal-imsemmija liġi jipprovdi li, sabiex tiġi ddeterminata l-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ, kull telf għandu jitnaqqas mill-profitti ddeterminati skont l-Artikolu 8 tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kummerċ.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 SST hija kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mil-liġi Ġermaniża stabbilita fi Gelsenkirchen. L-unika azzjonista tagħha, li żżomm 100 % tal-azzjonijiet tagħha, hija Scheuten Solar Systems BV, kumpannija Olandiża b'responsabbiltà limitata stabbilita fi Venlo (il-Pajjiżi l-Baxxi).

14 Bejn is-27 ta' Awwissu 2003 u l-1 ta' Diċembru 2004, SST, permezz ta' numru ta' kuntratti suċċessivi, kisbet mingħand il-kumpannija parent tagħha self f'ammont totali ta' EUR 5 180 000. Għal dan is-self, fl-2004, SST ħallset lill-kumpannija parent tagħha l-ammont ta' EUR 154 584 bħala imgħax. SST naqqset dan l-ammont mill-profitti tagħha bħala spejjeż għall-operat tagħha.

15 Il-Finanzamt, fid-deċiżjoni tagħha li ddeterminat l-ammont li kellu jservi bħala bażi għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-kummerċ fir-rigward tas-sena 2004, li ttieħdet abbażi tal-Artikolu 8(1) tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kummerċ, madankollu stabbilitet li SST kellha d-dritt tnaqqas mill-profitti magħmula biss 50 % tal-ammont tal-imsemmi imgħax, u fil-fatt nofs l-ammont ta' EUR 154 584 ġie miżjud mal-profitti riżultanti mill-attivitajiet tal-istabbilitment ta' negozju ta' SST.

16 Din tal-aħħar ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni tal-Finanzamt billi sostniet li ż-żieda ta' nofs l-imgħax inkwistjoni kienet tikkostitwixxi impożizzjoni ta' taxxa li tmur kontra l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49.

17 Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Frar 2008, il-Finanzgericht Münster ċaħdet dan ir-rikors.

18 Għalhekk, SST appellat minn din is-sentenza fuq punt ta' liġi quddiem il-Bundesfinanzhof.

19 Peress li l-Bundesfinanzhof għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/49, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49/KE […] jipprekludi dispożizzjoni li tipprovdi li l-ammont ta' imgħax fuq self imħallas minn kumpannija ta' Stat Membru lil kumpannija assoċjata ta' Stat Membru ieħor jiġi inkluż mill-ewwel kumpannija fil-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv: l-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2003/49 […] jista' jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li ma japplikawx id-Direttiva anki meta, fid-data tal-pagament tal-imgħax, il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3(b) tad-Direttiva rigward l-eżistenza ta' kumpannija assoċjata kienu għadhom ma ġewx sodisfatti għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas sentejn?

F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jinvokaw direttament l-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2003/49 […] fir-rigward tal-kumpannija li tħallas?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

20 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali li tipprovdi li l-imgħax fuq self, imħallas minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil kumpannija assoċjata li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi inkluż fil-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ li għaliha hija suġġetta l-ewwel kumpannija.

21 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kawża prinċipali, SST kellha tħallas it-taxxa fuq il-kummerċ fuq il-profitti tagħha ta' natura industrijali u kummerċjali. Fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-bażi ta' stima tal-imsemmija taxxa, il-Finanzamt, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, żied lura

mal-profitti ta' SST nofs l-imgħax imħallas minn din il-kumpannija lill-kumpannija parent tagħha stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi.

22 Skont SST, dan il-kalkolu jfisser li tkun qed tiġi imposta taxxa u b'hekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali twassal għal tassazzjoni doppja ekonomika tal-imgħax li hija inkompatibbli mal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49. Min-naħa l-oħra, il-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jikkunsidraw li l-imsemmija leġiżlazzjoni ma taqax taħt il-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u jissuġġerixxu, konsegwentement, li tingħata risposta negattiva għad-domanda.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddetermina l-kamp tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

24 Għandu jiġi osservat li mill-premessi 2 sa 4 tad-Direttiva 2003/49 jirriżulta li din timmira biex telimina t-tassazzjoni doppja għal dak li jirrigwarda l-pagamenti tal-imgħax u tar-royalties li jsiru bejn kumpanniji assoċjati ta' Stat Membri differenti u sabiex dawn il-pagamenti jkunu suġġetti għat-taxxa darba waħda fi Stat Membru wieħed. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-tneħħija ta' kull taxxa fuq l-imsemmija pagamenti fl-Istat Membru li joriġinaw minnu tikkostitwixxi s-soluzzjoni l-iktar xierqa sabiex jinkiseb trattament fiskali ugwali bejn tranżazzjonijiet nazzjonali u tranżazzjonijiet transkonfinali.

25 Il-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49, kif inhuwa ddefinit mill-Artikolu 1(1) tagħha, jirrigwarda, għalhekk, l-eżenzjoni tal-pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, meta l-benefiċjarju tagħhom ikun kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti, li jinsab fi Stat Membru ieħor, u li jappartjeni għal kumpannija ta' Stat Membru.

26 Ir-regola stabbilita fl-imsemmija dispożizzjoni tipprova tiżgura li l-benefiċjarju tal-imgħax u tar-royalties iġġenerati fi Stat Membru differenti minn dak fejn huwa stabbilit ikun eżentat minn kull taxxa fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom. Il-kliem tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49, permezz tal-espressjoni "iżda […] irid ikun", fil-fatt jistabbilixxi rabta bejn il-pagamenti ta' tali imgħax u royalties fi Stat Membru u l-fatt li dawn il-ħlasijiet jiġu riċevuti mill-benefiċjarju fi Stat Membru ieħor.

27 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/49 jiddefinixxi l-imsemmija imgħax bħala "dħul minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull tip". Issa, huwa biss il-benefiċjarju effettiv li jista' jirċievi imgħax li jikkostitwixxi d-dħul minn tali pretensjonijiet ta' debitu.

28 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49, moqri fid-dawl tal-premessi 2 sa 4 tagħha, jimmira biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja ġuridika tal-pagamenti ta' imgħax transkonfinali billi jipprojbixxi li l-imgħaxijiet jiġu ntaxxati fl-Istat Membru tal-oriġini bi ħsara tal-benefiċjarju effettiv tagħhom. B'hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tirrigwarda biss is-sitwazzjoni fiskali tal-kreditur tal-imgħax.

29 Għandu jingħad ukoll li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 hija kkorroborata mill-paragrafu (10) ta' dan l-artikolu, li jawtorizza lill-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet, sabiex ma jagħtux l-eżenzjoni prevista fil-paragrafu (1) tal-imsemmi artikolu. L-entitajiet li jista' japplika għalihom l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva huma identifikati fih bħala "kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew […] stabbiliment permanenti ta' kumpanija ta' Stat Membru ieħor". Fil-fatt, ma hemm ebda riferiment għal min iħallas l-imgħax f'din id-dispożizzjoni. Minn din is-sistema ta' deroga jirriżulta li hija tkopri lill-benefiċjarju ta' imgħax jew ta' royalties fi Stat Membru ieħor u mhux lill-entità debitriċi tal-imsemmija imgħax jew royalties.

30 Leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma twassalx għal tnaqqis fid-dħul tal-kreditur. Hija ma tissuġġetta lill-benefiċjarju tal-imgħax għal ebda taxxa. Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tirrigwarda biss id-determinazzjoni tal-bażi tat-tassazzjoni fir-rigward tat-taxxa fuq il-kummerċ li għaliha huwa suġġett, f'dan il-każ, id-debitur tal-imgħax imħallas.

31 Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 ma jidħolx fil-kwistjoni tal-metodi tal-kalkolu tal-bażi tat-tassazzjoni ta' min iħallas l-imgħax u l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dan il-għan, bħat-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti spejjeż meta jsir dan il-kalkolu.

32 F'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li l-karatteristiċi tat-taxxa fuq il-kummerċ inkwistjoni jikkonsistu fil-fatt li l-profitt industrijali jew kummerċjali l-ewwel jiġi ddeterminat b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul u tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji u li, imbagħad, ċerti ammonti jew jiżdiedu jew jitnaqqsu. Iż-żieda ssir biss fir-rigward ta' ammonti li kienu tnaqqsu fl-ewwel stadju tal-kalkolu.

33 Id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali fir-rigward tal-bażi tat-tassazzjoni ta' min iħallas l-imgħax, bħar-regoli dwar il-possibbiltà li jitnaqqsu ċerti spejjeż u n-natura tagħhom, isegwu linji gwida leġiżlattivi partikolari li jaqgħu taħt il-politika fiskali ta' kull Stat Membru.

34 B'hekk, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni li tirregola r-regoli dwar il-kalkolu tal-bażi tat-tassazzjoni ta' min iħallas l-imgħax, il-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 ma jistax jestendi lil hinn mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

35 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-effett eventwali tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 47), biżżejjed jiġi osservat li, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 45 sa 49 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2001, Athinaïki Zythopoïïa (C-294/99, Ġabra p. I-6797), u tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda (C-284/06, Ġabra p. I-4571), ma fihom ebda element li jista' jiġi kkunsidrat b'mod utli fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 b'rabta ma' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, fil-kawżi li taw lok għall-imsemmija sentenzi, kien it-tqassim tal-profitti mill-kumpannija sussidjarja lill-kumpannija parent li kien iġġenera t-taxxa inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-pagamenti ta' imgħax inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jikkostitwixxux fatt li jiġġenera t-tassazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċernaw biss il-possibbiltà li tali pagamenti jitnaqqsu bħala spejjeż għall-finijiet tal-kalkolu tal-bażi tat-tassazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ.

36 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali li tipprovdi li l-imgħax fuq self, imħallas minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil kumpannija assoċjata li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi inkluż fil-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ li għaliha hija suġġetta l-ewwel kumpannija.

Fuq it-tieni domanda

37 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda preliminari, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali li tipprovdi li l-imgħax fuq self, imħallas minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil kumpannija assoċjata li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi inkluż fil-bażi ta' stima għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kummerċ li għaliha hija suġġetta l-ewwel kumpannija.

Firem